**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**XXXX**

Illum il-25 ta' Lulju, 2024

Kumpilazzjoni numru: XX/XX

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **XXXX**, ta' sittax (16) -il sena, ta' Nazzjonalita' Taljana, iben XXXX u XXXX xebba XXXX, mwieled XXXX (XX) fl-Italja fl-XX ta' XXXX XXXX u residenti f'appartament numru XXXX detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru XXXX talli fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) ġewwa Barlowes Shop li hu sitwat ġewwa l-Mercury Towers San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta’ nuċċalijiet u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), liema serq sar għad-detriment ta’ Barlowes Shop u/jew Blue Rocks Operations Limited u/jew persuna/I naturali u/jew ġuridiċi oħra;

2. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’każ ta’ ħtija tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H kemm -il darba tingħata sentenza sospiża tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat li l-akkużi fil-konfront tal-imputat ġew moqrija quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Gabriella Vella waqt is-seduta ta’ nhar is-27 ta’ Ġunju 2024 meta tressaq b’arrest;

Rat id-dokumenti esebiti senjatament:

(a) Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ odjern jiġi trattat bi proċedura sommarja[1];
(b) Dikjarazzjoni tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta[2];
(c) Karta tal-Identita’ tal-Imputat[3];
(d) Kopja tal-karta tal-Identita’ tal-Imputat[4];
(e) Fedina Penali tal-Imputat[5];

---

[1] Ara a fol 8 tal-proċess
[2] Ara a fol 9 tal-proċess
[3] Ara a fol 10 tal-proċess
[4] Ara a fol 11 tal-proċess
[5] Ara a fol 13 tal-proċess

(f) L-okkorrenza bir-referenza numru XXXX u datata 25 ta' Ġunju, 2024[6];

(g) NPS – PCR Person Details tal-Imputat[7];

(h) Stqarrija tal-Imputat[8].

Rat li waqt l-istess seduta msemmija u ċioe' dik tas-27 ta' Ġunju 2024 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu;

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat li waqt l-istess seduta ġie mitlub *pre-sentencing report*;

Rat li l-imputat m'ingħatax il-ħelsien mill-arrest;

Rat li waqt is-seduta miżmuma minn din il-Qorti kif preseduta ta' nhar id-9 ta' Lulju 2024 l-imputat ma setax jingħata s-sentenza relattiva (minkejja l-ammissjoni tiegħu kif indikat aktar 'il fuq) *stante* li l-*pre-sentencing report* ma kienx għadu lest;

Rat li l-abbli difensur tal-istess Imputat iddikjara li m'huwiex f'posizzjoni li jitlob il-ħelsien mill-arrest *stante* li l-persuna adulta intiż li jerfa' r-responsabbilita' tal-istess imputat (minorenni) ma kkomunikax miegħu (minkejja diversi tentattivi) u li minkejja li l-omm ġiet infurmata bis-seduta, din għadha tinsab fl-Italja;

Rat li l-*pre-sentencing report* ġie preżentat bil-ġurament fl-Atti ta' din il-kawża minn Marilyn Formosa[9] u permezz tiegħu issuġġeriet sentenza sospiża u multa għall-pussess tas-sustanza tal-kannabis.

Rat li l-kawża odjerna hija differita għal-lum għas-sentenza;

---

[6] Ara a fol 14 et seq tal-proċess
[7] Ara a fol 18 tal-proċess
[8] Ara a fol 19 tal-proċess
[9] Ara Dok. MF1 esebit a fol 30 *et seq* tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-każ;

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**:

L-imputat qed jiġi mixli talli fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) ġewwa Barlowes Shop li hu sitwat ġewwa l-Mercury Towers San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' nuċċalijiet u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Barlowes Shop u/jew Blue Rocks Operations Limited u/jew persuna/I naturali u/jew ġuridiċi oħra;

2. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li hu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni, l-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrih.

Din il-Qorti tixtieq pero' tirrimarka fuq il-fatt li l-imputat, minorenni tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat tal-Għassa) b'arrest nhar is-27 ta' Ġunju 2024 u rreġistra ammissjoni waqt l-istess seduta. Pero' għall-kuntrarju ta' x'jiġri f'ċirkustanzi simili meta l-imputat ikun adult, il-Qorti ma setgħetx tgħaddi għas-sentenza *stante* li Artikolu 6(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta jesiġi *pre-sentencing report* f'kawżi fejn l-imputati jkunu minorenni u l-akkużi jkunu ta' ċertu portata kif inhu l-każ odjern. Fil-fatt, l-Artikolu 6(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

"6(1) ***Il-qorti tista' tqabbad lid-Dipartiment jipprepara rapport ta' qabel is-sentenza, qabel ma tħaddan xi fehma dwar kemm ikun adatt li xi ħati jingħata sentenza ta'***

***priġunerija,sentenza sospiża jew xi miżura oħra permessa mill-liġi fuq wieħedjew iktar minn dawn l-ordnijiet li ġejjin:***

***(a) ordni ta' probation; jew***

***(b) ordni ta' sorveljanza b'sentenza sospiża:***

***Iżda, ħlief fil-każ ta' proċeduri sommarji għal reati lijaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-Artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali, <u>il-Qorti għandha dejjem tqabbad li jsir rapport ta' qabel is-sentenza qabel ma tittratta ma' xi ħati taħt it-tmintax-il sena li jkun għamel reat punibbli bi priġunerija jew qabel ma toħroġ xi ordni ta' servizz fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz</u>***".

Dan ifisser li minkejja li jsiru t-tentattivi kollha sabiex minuri – meta għandek a *first time offender* ma 'jduqx' il-ħabs u sabiex jiġu applikati prinċipji ta' *restorative justice* bil-għan li minorenni ma jaqbdux it-triq tal-kriminalita' iżda jiġu segwiti u jingħataw dak kollu li għandhom bżonn sabiex jirrifurmaw ruħhom u fl-istess ħin ma jittapnux bil-ħabs u ma jiġux esposti għal persuni li huma diġa' fit-triq tal-kriminalita' – fil-każ odjern is-sistema u l-leġislatur (minkejja kull intenzjoni tajba meta lleġisla li l-*pre-sentencing report* għandu jkun tassattiv f'ċirkustanzi simili), fallew u fallew bil-kbir għaliex *stante* li l-imputat ma setax jagħti l-garanziji neċessarji sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest, kellu prattikament jistenna xahar sħiħ il-ħabs sakemm amministrattivament isir il-*pre-sentencing report* u din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza. Irid jingħad ukoll li s-sentenza tal-lum qed tingħata fl-ewwel seduta possibbli wara li l-imsemmi *pre-sentencing report* ġie esebit u ġuramentat u ċioe' fi żmien ġimgħa mill-istess seduta *stante* li bħala Qorti tal-Minorenni din il-Qorti trid tkun komposta wkoll mill-*court assistants.*

F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti tara li jew hi stess bħala Qorti u/jew id-Difiża għandu jkollhom il-fakulta' li jagħżlu jekk iridux tali *pre-sentencing report* jew le biex b'hekk ikun hemm il-possibilita' li l-Qorti tgħaddi għas-sentenza mingħajr il-ħtieġa tassattiva ta' *pre-sentencing report* u dan sabiex jiġi żgurat li s-sentenzi ta' minorenni jingħataw bl-aktar mod spedit possibbli speċjalment meta jkun hemm reġistrata ammissjoni bħall-każ odjern. Hu f'dan il-kuntest kollu li l-Qorti qed tordna li din is-sentenza (mingħajr referenza tad-dettalji tal-Imputat) tiġi notifikata lill-Onor Prim' Ministru, lill-Avukat Ġenerali u lill-Onor. Ministru tal-

Ġustizzja sabiex jiddiskutu l-possibilita' li l-*pre-sentencing report* ma jibqax tassattiv f'ċirkustanzi simili u f'ċirkustanzi fejn imputat minorenni jirreġistra ammissjoni b'dan li l-istess *pre-sentencing report* jibqa' dejjem għodda li tista' tintuża mill-partijiet jew mill-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti wara li ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat fi stadju li bikri tal-proċeduri u ċioe' fl-ewwel seduta meta tressaq b'arrest u naturalment meta ma kienu nstemgħu l-ebda xhieda. Il-Qorti qieset il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutili għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[10] u **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[11]. Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet. Il-Qorti tqis ukoll li l-imputat hu minorenni u għalhekk apparti li jibbenifika minn tnaqqis tal-gradi fil-piena minħabba l-eta' tiegħu, din il-Qorti trid li tagħti l-opportunita' lill-istess imputat biex jaqbdu t-triq tas-sewwa. Hu f'dan il-kuntest kollu li din il-Qorti ma tarax li priġunerija effettiva hija piena idoneja fiċ-ċirkustanzi – speċjalment in vista tal-fatt li minħabba dak spjegat aktar 'il fuq, l-istess Imputat xorta waħda prattikament għamel xahar il-ħabs.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 17(b), l-Artikolu 31(b), l-Artikolu 31(1)(ċ), l-Artikolu 31(1)(f), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 261(ċ), l-Artikolu 267 u l-Artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 8(d) u l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **filwaqt li ssib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu** tikkundannah għal *amenda* ta' tmienja u ħamsin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) u għall-piena ta' sentejn priġunerija, iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok li tingħata sentenza sospiża a tenur tal-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, l-fatt li l-imputat minkejja li hu minorenni

---

[10] Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 ta' Frar 1997
[11] Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002]

spiċċa biex għamel kważi xahar priġunerija u l-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta kif spjegat aktar ‘il fuq, tissospendi t-terminu ta’ sentejn priġunerija għal erba’ (4) snin b’effett mid-data ta’ din is-sentenza. A tenur tal-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jekk jikkommetti matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta’ priġunerija.

*Stante* li in atti ma ġew preżentati ebda riċevuti jew dokumenti relatati mal-valur tal-oġġetti misruqa, l-Qorti m’hijiex qed tilqa’ t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15A u/jew 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

*Stante* li ma ġew nominati eba esperti f’din il-kawża, l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-każ odjern.

Il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proċeduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mill-Liġi.

**Il-Qorti qed tordna li din is-sentenza (mingħajr ebda forma ta’ referenza għall-identita’ tal-Imputat, issa l-ħati minorenni) għandha tintbgħat ukoll lill-Onorevoli Prim’Ministru, lill-Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja u lill-Avukat Ġenerali bil-għan ċar li tiġi kkunsidrata l-possibilita’ li l-*pre-sentencing report* ma jibqax tassattiv f’ċirkustanzi simili għal dawk odjerni u f’ċirkustanzi fejn imputat minorenni jirreġistra ammissjoni b’dan li l-istess *pre-sentencing report* jibqa’ dejjem għodda li tista’ tintuża mill-partijiet jew mill-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha**.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**